MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1373/2003

**Middle Sea Insurance PLC kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Noel Coleiro, kif ukoll l-istess Noel Coleiro**

**vs**

**Anne- Marie Mulvaney**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Lulju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsa u tmenin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm685.62) u fejn intqal:**

**Illi fit-28 ta' Jannar 2002 il-konvenuta kienet involuta f'incident tat-traffiku mal-vettura tal-attur Noel Coleiro, li fil-hin tal-incident kienet misjuqa minn ibnu Kurt Coleiro.**

Illi r-responsabbilta’ tal-incident kienet giet ammessa mill-konvenuta li bi qbil mas-socjeta’ attrici kienet intrabtet illi thallas d-danni bin-nifs u cioe’ mitejn lira (Lm200) “down payment” u l-bilanc f’pagamenti mensili ta’ hamsin lira (Lm50)-il wiehed.
Illi ghalkemm l-konvenuta qatt ma hallset id-“down payment” hija ghamlet erba’ pagamenti ta’ hamsin lira (Lm50)-il wiehed izda sussegwentement waqfet milli tkompli teffettwa pagamenti ohra, u dana minkejja illi giet interpellata sabiex tkompli thallas.
Illi d-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat tal-incident tat-28 ta’ Jannar, 2002 jammontaw ghas-somma ta’ tmien mija hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm885.62), li minnhom sitt mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm678.12) sofferti mis-socjeta’ attrici, filwaqt illi l-bilanc ta’ mitejn u seba’ liri Maltin u hamsin centezmu (Lm207.50) sofferti mill-attur Noel Coleiro rapprezentanti excess u “loss of use”.
Illi stante illi kien sar hlas akkont lis-socjeta’ attrici tas-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200), l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ erba’ mija tmienja u sebghin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm478.12), kif ukoll debitrici tal-attur Noel Coleiro fis-somma ta’ mitejn u seba’ lira Maltin u hamsin centezmu (Lm207.50).
Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali tal-25 ta’ Marzu, 2002, 2 ta’ Settembru, 2002, 18 ta’ Novembru, 2002 kontra l-konvenuta li minn issa tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta tal-konvenuta pprezentata fil-5 ta’ Novembru, 2003 fejn intqal:
1. Illi r-responsabbilta’ tal-incident stradali meritu tal-avviz odjern hija ammessa.
2. Illi l-ammont ta’ Danni reklamat huwa esagerat u qed jigi kkontestat.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda ta’ Andrew Pizzuto, Noel Coleiro, Frank Fenech, Anne Marie Mulvaney. Ra l-atti u d-

**dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-atturi qed ifittxu lill-konvenuta ghall-bilanc ta' danni rizultanti minn incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta' Jannar, 2002.**

**2. Il-konvenuta kellha inizjalment thallas tmien mija u hamsa u tmenin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm885.62), u fil-fatt hallset mitejn lira (Lm200). Ma hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabilita` tal-incident. Il-kontestazzjoni hija dwar il-kwantum tad-danni li skond il-konvenut huwa esagerat.**

**3. Id-danni subiti mill-assikurat tas-socjeta` attrici jirrizultaw mis-survey report esebit a fol.13 tal-process. Kien hemm is-segwenti spejjez: erba' mija u tmien liri u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm408.25) ghar-riparazzjonijiet, erba' mija u wiehed liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm401.87) spejjez ta' spare parts, tlett liri ghar-rapport tal-pulizija, tletin lira ghas-survey report u sebgha u hamsin lira u hamsin centezmu (Lm57.50) ghall-kiri ta' karrozza. Dawn b'kollox igibu s-somma ta' disa' mitt lira u tnejn u sittin centezmu (Lm900.62).**

**4. L-ammont ta' riparazzjonijiet huwa skond r-ricevuta fiskali a fol.15 tal-process, u l-ispejjez tas-spare parts jirrizultaw minn fol.16 tal-process u r-ricevuta fiskali relattiva.**

**5. Jirrizulta li s-surveyor tas-socjeta` attrici, Frank Fenech, kien ghamel s-survey fuq il-vettura tal-attur, u r-riparazzjonijiet saru skond is-survey.**

**6. It-Tribunal jirrileva li d-danni fil-vettura tal-attur skond ma jirrizulta mir-ritratti a fol-14 tal-process, kienu piuttost estensivi tul in-naha tax-xellug tal-vettura. Ma jistghax jinghad li l-hsarat kienu hfief kif qed tallega l-konvenuta.**

**7. Ghall dawn ir-ragunijiet it-talba attrici ghandha tigi milqugha.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u sebghin lira u tnax-il centezmu (Lm478.12), u lill-attur Noel Coleiro s-somma ta' mitejn u seba' liri Maltin u hamsin centezmu (Lm207.50), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-25 ta' Marzu, 2002 ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------